FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Novembru, 2001

**Numru 14**

**Avviz. numru 888/01JR**

**Equipment Hire Limited**

**vs**

**Ideal Dwelling Turnkey Projects Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tmenin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm680.52), rapprezentanti prezz ta' kiri ta' ghodda minghand is-socjeta` attrici fuq struzzjonijiet tas-socjeta` konvenuta;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 4 ta' Gunju, 2001, u bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mid-data tal-fattura relattiva u cioe` 30 ta' Novembru,

2000, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.

Semgha x-xhieda ta' Dr. Carlo Bisazza ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu kollu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u tmenin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm680.52), bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Novembru, 2000.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 4 ta' Gunju, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.

Dr Joseph Refalo
GUDIKATUR